MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru. 43/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Mario Bonello**
v

**PETER PAUL BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat lil imputat **PETER PAUL BUTTIGIEG** ta' tlieta w erbghin sena, bin Joseph u Margaret nee Sultana, mwieled Nadur, Ghawdex nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1963, u residenti 50, Triq il-Knisja, Ghasri, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 30163M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 ghal habta tas-sebgha w nofs ta' filghodu gewwa l-Ghasri, Ghawdex, bil-hsieb li jaghmel offizi ta' natura gravi fuq il-

persuna ta’ Samuel Zahra wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta’dan d-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Samuel Zahra, hekk kif iccertifika Doctor Michael Portelli;

3. Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, hebb b’oggett iebes (hadida) kontra l-imemmi Samuel Zahra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita skond l-ligi, torbot lil imsemmi Peter Paul Buttigieg b’garanzija biex ma jimmolestax lil imsemmi Samuel Zahra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta’ Doctor Mario Victor Masini esibit bhala Dok. S a fol 23, kif wkoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Mejju 2007 [fol 68] sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat din il-Qorti tiddecidi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2007 [fol 70] minn fejn jirrizulta li l-imputat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed min jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha ta’ Jannar 2007 **xehed s-Supretendent Mario Bonello** [fol 17] fejn qal li fit-tnejn u ghoxrin ta’ Dicembru 2006 hu kien gie nfurmat li kien hemm xi persuna gewwa l-Ghasri li kienet tat daqqa ta’ hadida fuq

ras xi hadd iehor. Qal li kien ghamillu rapport PS 1377 Emanuel Cilia u hu kien qallu biex jarresta lil din il-persuna u fil-fatt irrizulta li din il-persuna kienet certu Peter Paul Buttigieg li gharaf bhala l-imputat odjern.

Qal li hu kien hadlu stqarrija wara li nghatatlu s-solita twissija li ma kienx obbligat li jwiegeb ghal dak li kienu ser jghidlu, imma dak li jghid jista jingieb bi prova, liema istqarrija giet immarkata bhala Dok MB 1. Fuqha gharaf il-firma tieghu u dik ta’ PC 1477 Joseph Galea, filwaqt li l-imputat odjern ma ffirmax, ghalkemm xorta tah kopja taghha.

Ix-xhud esebixxa certifikat mediku li gie rilaxxjat minn Doctor Michael Portelli li gie mmarkat bhala Dok. ‘Z’. Qal li meta ha l-istqarrija tal-imputat, u gie mistoqsi jekk verament tax daqqa ta’ hadida lil Samuel Zahra, dan kien qallu li fil-fatt ma kienx tah daqqa b’hadida, pero’ kien tah daqqa b’idejh. Qal li ghaldaqstant hu baghat lill-vittma l-isptar fejn gie ezaminat minn Doctor Mario Victor Masini u dana rrilaxxja certifikat fejn qal li f’idejh ma kellu l-ebda griehi kompatibbli ma’ din id-daqqa. Ix-xhud esebixxa certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Mario Victor Masini li gie mmarkat bhala Dok. MB 2.

Illi nhar l-erbgha ta’ Jannar 2007 **xehed PS 1377 Emanuel Cilia** [fol 25] fejn qal li fit-tnejn u ghoxrin ta’ Dicembru 2006 hu kien ghassa fl-ghassa tal-pulizija tar-Rabat meta rcieva telefonata ghall-habta tas-sebgha u nofs li gewwa l-Ghasri kien inqala ncident. Qal li ghalhekk hu, flimkien ma’ PC 1017 Mario Casha marru fuq il-post li kien gie ndikat lilhom bhala Triq Salvu Gambin, l-Ghasri fejn sabu lil certu Samuel Zahra b’wiccu kollu demm, ghalkemm ma kienx mitluf minn sensih.

Qal li hu kellem lil Samuel Zahra u dan qallu li waqt li huwa kien gewwa l-*workshop* tieghu, kellmu certu Peter Paul Buttigieg li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat odjern, u qallu sabiex inehhi l-vettura tieghu li kellha n-numru ta’ registrazzjoni BAT 055, liema karozza kienet ipparkjata f’dik l-istess Triq ta’ Salvu Gambin. Qal li Samuel Zahra qallu li waqt li huwa kien hiereg minn dan il-

hanut biex imur inehhi l-vann tieghu, l-imputat dar fuqu, tah daqqa b'xi haga iebsa fuq rasu, aktarx b'xi hadida mohbija fil-hwejjeg tieghu. Ix-xhud zied jghid li wara kellem lil Joseph Attard li ukoll kien f'dan l-istess *workshop* u huwa fil-fatt sid il-*workshop* u dan qallu li waqt li Samuel Zahra kien fil-*workshop* tieghu kien mar ikellmu Peter Paul Buttigieg u talbu biex inehhi l-karozza tieghu minn quddiem il-*garage*, u waqt li kien hiereg, fil-hin sema' xi ghajjat.

Qallu li huwa hareg u ra lil Samuel Zahra b'wiccu mimli demm u dan ittiehed l-isptar emergenza u dan mill-istess Joseph Attard, fejn inghata l-kura ghall-griehi li kien garrab. Qal li ghall-ewwel gie ccertifikat li kien qed ibati minn griehi ta' natura hafifa u sussegwentement inzamm fil-*ward* ghal aktar osservazzjoni u gie ccertifikat li kien qed isofri minn feriti ta' natura gravi. Qal li hu nforma lis-Supretendent Mario Bonello w inghata struzzjonijiet sabiex jibghat ghal Peter Paul Buttigieg, sabiex dan jingieb l-Ghassa. Qal li sussegwentement hu sabu fejn kien ghax-xoghol fl-ufficini tal-Maltacom, faccata tal-ghassa stess, infurmah li s-Supretendent riedu u fil-fatt hadu l-ghassa mieghu. Qal li sussegwentement kiteb l-okkorrenza relattiva ghal din l-investigazzjoni li esebixxx bhala Dok. PS.

Qal li ma kienx hu li nvestiga lill-imputat u kull m'ghamel kien li hadu l-Ghassa r-Rabat. Qal li Samuel Zahra kien qallu li kien hemm xhieda ohra, certu Doris Tabone li meta din giet mitkellma qalet li dak il-hin tal-incident hija rat lil Samuel Zahra hiereg mill-hanut tal-mastrudaxxa u f'hin minnhom rat lil imputat ixejjer daqqa lil Samuel Zahra u jhabbtu mal-hajt, u hekk kif refa' wiccu dan Samuel Zahra hi nnutat li kellu xi demm.

Qal li dakinhar tal-incident hu kien mar ma' PC 883 Paul Azzopardi tas-CID fuq il-post u gibed xi ritratti li jinsabu fil-pussess ta' PC 883 Paul Azzopardi. Mistoqsi jekk ix-xhud Doris Tabone ratx lill-imputat hiereg b'hadida f'idejh ix-xhud wiegeb li ma qaltlux hekk, qaltlu biss li ratu jxejjer daqqa ta' ponn u hija bezghet u telqet tigri 'l hemm.

Illi nhar l-erbgha ta’ Jannar 2007 **xehed PC 883 Paul Azzopardi** [fol 30] fejn qal li fit-tnejn u ghoxrin ta’ Dicembru hu kien gie mqabbad mis-Supretendent tad-Distrett sabiex jiehu xi ritratti fuq l-incident li kien gara gewwa l-Ghasri. Qal li ghalhekk hu mar flimkien ma’ PS 1377 Noel Cilia fuq il-post. Ix-xhud esebixxa dawn r-ritratti go envelope kannella. Qal li hemm wiehed u ghoxrin ritratt li gew immarkati bhala Dok. PS 1 sa PS 21. Qal li mieghu kien hemm biss l-ufficcjal PS 1377. Mistoqsi fi x’hin mar fuq il-post, wiegeb li ghall-habta tal-ghaxra. Qal li fost ir-ritratti kien hemm ritratt immarkat bhala Dok. PS 2 li huwa ritratt ta’ id Samuel Zahra u l-ferita li kellu. Qal li l-imputat Peter Paul Buttigieg ukoll kien mar l-isptar ghax qal li kellu idu tugghu pero’ skond Doctor Mario Victor Masini ma kellux griehi. Ix-xhud esebixxa dan ic-certifikat rilaxxjat minn Doctor Mario Victor Masini li gie mmarkat bhala Dok. ‘Z’.

Illi nhar l-erbgha ta’ Jannar 2007 **xehed Doctor Michael Portelli** [fol 33] fejn wara li ra c-certifikat esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala Dok. ‘Z’, ikkonferma li dan c-certifikat gie rilaxxjat minnu nhar it-tlieta u ghoxrin ta’ Dicembru 2006 wara li kien ezamina lil Samuel Zahra. Qal li hu rriskontra *lacero contused wound* fuq il-*left paretal region* u *lacero contused wound* ohra fil-*left upper lip* with *dental involvement.* Qal li hu jikklassifika dawn il-griehi bhala dawk ta’ natura gravi per durata ghaliex fil-fehma tieghu tali ferita fuq halqu kienet ser thalli marka fuq xofftejh. Qal li pero wara rega’ ra lill-istess pazjent u fil-fatt effettivament marka m’hemmx w ghalhekk dawn l-feriti huma ta’ natura hafifa.

Qal li dawn il-feriti li subixxa Samuel Zahra gew ikkagunati b’xi daqqiet with *a blunt object*. Qal li ma jidhirx li Samuel Zahra kellu xi konsegwenzi tad-daqqiet ghalkemm l-*out patients* ghadu jmur. Qal li lilu qatt ma qallu xejn fuq kwistjoni ta’ *blurred vision*. Mistoqsi jekk hux possibbli illi l-ferita li subixxa Samuel Zahra kienitx daqqa ta’ ponn ix-xhud wiegeb li setgha kien il-kaz. Mistoqsi jekk innutax xi *residue, foreign body* fuq il-feriti tar-ras ix-xhud wiegeb li le, ma nnota xejn minn dan. Qal li l-ferita ‘n kwistjoni ma

kienitx *incision* dritta u kien ghalhekk li ddeskriviha bhala *blunt trauma*. Qal li jista jkun li giet kagunata wkoll permezz ta' hadida.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2007 **rega' xehed Doctor Michael Portelli** [fol 63] fejn ikkonferma li kien ezamina lil Samuel Zahra u dan fit-tlieta u ghoxrin ta' Dicembru 2006 w ikkonferma li l-feriti li kiena ra fuq din il-persuna kienu ta' natura gravi per durata ghaliex fil-fehma tieghu l-ferita li huwa kellu fuq xufftejh se tibqa' marka.

Illi nhar l-erbgha ta' Jannar 2007 **xehed Samuel Zahra** [fol 35] fejn qal li fit-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 2006 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' fil-ghodu, kien ghadu kif wasal ghand Joseph Attard, fi Triq Salvu Gambin, Ghasri. Ix-xhud immarka fejn hu dan il-post bl-ittra 'S' fuq il-pjanta esibita fl-atti. Qal li kien ghadu kif wasal, forsi zewg minuti kollox, meta fid-daqqa u l-hin sema' hoss ta' vettura li kienet qed tirriversja fi triq *one way*. Qal li din l-karozza waqfet hezrem meta kien ser jibda jitkellem ma Joseph Attard l-imputat, nizzel it-tieqa tal-van tieghu, beda jghajjat fid-direzzjoni tieghu biex innehhilu l-van. Qal li hu hareg minn fejn kien biex imur innehhi l-van u fil-fatt saq il-vettura w ipparkja warajh.

Ix-xhud indika l-vettura tieghu bl-ittra 'V' u dik tal-imputat bl-ittra 'X'. Qal li fil-process li hu kien sejjer biex innehhi l-vettura tieghu, boghod minnu xi erbghin pied, ra lil imputat, li fetah l-bieba tal-vettura tieghu, hareg minn go fiha u rah idur biex qisu jigbor xi haga minn wara s-*seat* u sussegwentement hareg mill-bieba bejn il-hajt u l-vann. Mistoqsi x'kien gabar mill-van ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf ezatt pero' dehret illi qisha xi haga twila sewda qisha hadida. Qal li hu baqa sejjer biex innehhi l-van tieghu u ra lil imputat gej lejh, avvicinah, qallu biex ma jipparkjalux hemm izjed u hu rrispondih li kien se nnehhilu l-vettura dak il-hin stess. Qal li waqt li huwa kien gej hdejh, hasdu u waqaf, pero m'immaginax li kien se jirrabja mieghu daqshekk. Qal li hu tbaxxa biex ma jharisx lejh direttament u kien dak il-hin li baxxa wiccu, li laqqat daqqa minnu fuq rasu. Qal li qisu kellu xi haga f'idu. Qal li waqt

li huwa kien gej hdejh dehret xi haga zghira bejn il-komma u l-ponn, pero' x'kienet ezatt ma kienx jaf.

Qal li qala d-daqqa fuq rasu waqt li kellu rasu baxxuta u waqa mal-art u ma jafx x'gara minn hemm. Qal li qala daqqa fuq rasu u daqqa fuq xofftu. Qal li spicca bi tlett punti f'rasu, b'ugigh f'halqu u d-dawl baqa jaghtih fastidju. Qal li bid-daqqa nkisirlu wkoll n-nuccali li esebixxa bhala Dok. CSH. Qal li d-daqqa kienet kbira stante li waqa ma' l-art. Qal li daqqa wahda hass, ghalkemm ma ftakarx jekk tahx aktar. Ix-xhud esebixxa wkoll stima tan-nuccali li giet immarkata bhala Dok. CSH 1. Qal li l-isptar dam xi erbat ijiem u li kien ghadu jmur l-isptar ghaliex ghadu mugugh sa dakinhar u kellu problemi fid-dawl t'ghajnejh. Ikkonferma li d-daqqa qalaghha minghand l-imputat li gharaf prezenti fl-awla. Qal li dak il-hin kienet ghaddejja mara. Qal li l-imputat kien jafu qabel minn wiccu u kien jarah fit-triq. Qal li ghand Joseph Attard kien imur b'mod normali, u sikwit ikun ghandu ghax imur jaghtih daqqa t'id. Cahad li jahdem hemmhekk u zied jghid li jmur hemmhekk b'mod regolari pero' mhux kuljum, bil-van tieghu bin-numru ta' registrazzjoni BAT 058. Qal li hu ma pparkjax fejn kien ipparkjat dakinhar meta mar. Qal li s-soltu jipparkja fuq in-naha l-ohra tat-triq, pero jista' jkun li kien hemm xi okkazjonijiet meta pparkja fejn kien ipparkjat dakinhar. Qal li ma jidhirlux pero' li qatt l-imputat talbu fil-passat biex inehhi l-vettura tieghu minn hemm. Qal li dakinhar tal-incident kienet x-xita w ghalhekk iddecida li jipparkja hemmhekk biex ma jixxarrabx. Stqarr li hu pparkja fi triq pubblika. Qal li d-dar ta' magemba ma jafx ta' min hi. Mistoqsi jekk jafx jekk l-imputat ghandux xi dizabilita' wiegeb li hu jarah dejjem b'idu fil-but pero' x'dizabilita' ghandu ma kienx jafx. Esebixxi pjanta li l-Qorti immarkat bhala Dok. 'Q', liema pjanta giet redatta minnu bil-*markings* li ghamel waqt li kien ta x-xhieda tieghu. Qal li meta l-imputat dar biex igib xi haga minn wara tal-van tieghu kien ghadu fuq id-*driver's seat*. Qal li hu rah minn wara minn gol-hgiega tal-vettura tieghu stess, rah idur ghal wara u jigbed xi haga minn wara b'idu l-leminija. Qal li hu fl-ebda hin ma kellem lil imputat u li fil-fatt kien sejjer innehhi l-vettura. Qal li hu m'ghamel xejn lil imputat ghax ma stennihix minnu li ha jaghmillu din l-

azzjoni. Qal li d-daqqa li hass ma kienetx daqqa ta' id, kienet daqqa b'xi haga aktar iebsa. Qal li l-ewwel daqqa qalaghha f'wiccu u l-ohra ma jafx ghax storda. Qal li ma rax li kien sejjer ghalih ghax rasu kienet baxxuta u daqqa biss hass. Qal li ma kienx jaf kif laqqat d-daqqa minn taht, ghax hadha ghall-gharrieda.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2007 **rega' xehed Samuel Zahra** [fol 64] fejn rega' qal li l-ferita li kellu kienet f'xufftejh u f'rasu. Qal li rasu kienet ghadha taghtih ftit fastidju billi tieklu xi ftit. Qal li hu fuq gewwa kellu maqsum, fuq barra ma kellu xejn jidher.

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2007 **rega' xehed Samuel Zahra** [fol 87] fejn mistoqsi x'kien qed jaghmel dakinhar tal-incident, wiegeb li kien ghadu kif wasal u kien qed iqatta ftit tal-hin ghand siehbu. Ikkonferma li kien ipparkjat fit-triq fejn joqghod dan siehbu Joseph Attard. Mistoqsi jekk hux minnu li pparkja il-vettura tieghu quddiem bieb, wiegeb li ma tax kaz u zied jghid li kull ma ta kaz kien tas-sinjali biex jara jekk setghax jipparkja hemmhekk, li fil-fatt setgha w hekk ghamel. Mistoqsi jekk qattx ipparkja hemm fil-passat, wiegeb fin-negattiv. Qal pero li gieli pparkja ftit aktar 'l fuq u hadd qatt ma waqqfu. Qal li qatt hadd ma gibidlu l-attenzjoni fejn jipparkja l-vettura tieghu.

Mistoqsi jekk jafx lil imputat, wiegeb li jafu fl-akwati pero lilu qatt ma qallu biex ma jipparkjalux hemm ghax kieku ma kienx jipparkja hemmhekk zgur. Mistoqsi jekk kienx liebes nuccali meta hareg mill-garaxx, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk kellux xi haga f'idejh wiegeb li kellu c-cavetta tad-dar, ghaliex kien ghadu kif dahal fil-garaxx. Qal li l-imputat lilu qallu biex inehhilu l-vettura u hu hekk kien ser jaghmel, kien ser inehhiha pero l-imputat beda jghajjat mieghu. Qal li hu baxxa rasu biex ma jibqax ihares lejh waqt li kien sejjer inehhi l-vettura pero l-imputat ma tahx cans inehhiha ghax gie sider ma sider mieghu.

Illi nhar l-erbgha ta' Jannar 2007 **xehed Joseph Attard** [fol 40] fejn qal li fit-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 2006 fis-sebgha u nofs mar jiftah il-garaxx tieghu u wara xi hames minuti li kien fetah, mar Samuel Zahra u fil-fatt lanqas kien

ghadu rifes l-ghatba tal-*garage*, li mar l-imputat bil-vann tieghu u qallu biex inehhilu l-karozza minn fejn kienet ipparkjata, w immedjatament dak il-hin Samuel hareg barra biex icaqlaq il-karozza u f'daqqa u l-hin sema 'bumm'. Qal li hareg u meta hareg ra lil Samuel mixhut ma' l-art. Qal li hu ra l-imputat jaghlaq il-bieba u harab jigri hdejn Samuel biex jigbru mill-art. Zied jghid li x'hin kien fejn Samuel ra lil Pietru, l-imputat odjern sejjer ghalih u meta rah gej, harab jigri 'l fuq u dahal lura fil-*garage* ifittex il-mobile w ghalkemm kien quddiemu, ma sabux.

Samuel Zahra kien miksi bid-demm u fl-art kien hemm id-demm. Qal li l-ewwel darba li mar ma' gemb Samuel kien mitluf minn sensih w ipprova jqum pero' kull darba jaqa. Qal li hu mal-imputat ma jitkellimx ghalkemm argumenti bejniethom m'hemmx. Qal li lil Samuel Zahra jafu peress li ohtu hija mizzewga fl-istess familja fejn hu mizzewweg hu u fil-fatt qed jaghmillu xi xoghol ukoll. Qal li hu hbieb sewwa u sikwit jigi hemm, gieli jigi kuljum u gieli le.

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2007 **rega' xehed Joseph Attard** [fol 86] fejn ikkonferma ghal darb'ohra li l-incident per se ma rahx isehh u lanqas ma ra lil Samuel Zahra jaqla xi daqqa ghax kien fil-garaxx u kull ma semgha kienu xi hsejjes barra u bhal qisu persuna taqa mal-art. Qal li hu minnu li hu u l-imputat ma jitkellmux ghalkemm qatt ma kellhom xi jghidu bejniethom. Qal li la huma hbieb u lanqas huma miksurin bejniethom. Qal li hu u Samuel Zahra hbieb sew u Samuel imur ghandu spiss ghalkemm qatt m'ghamel xi xoghol ghalih. Qal li gieli jmur hdejh inewwillu xi haga. Mistoqsi fejn jipparkja Samuel meta jmur ghandu, wiegeb li qatt ma ta kaz.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2007 **xehdet Dolores sive Doris Tabone** [fol 55] fejn qalet li f'xi gurnata qabel il-Milied 2006 kienet ghaddejja minn xi triq gewwa l-Ghasri ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu wahedha sejra l-hanut. Qalet li rat lill-imputat odjern jaghti daqqa lil ragel iehor li huwa miz-Zebbug, b'idu. Mistoqsija jekk kellux xi haga f'idu dakinhar wiegbet li hi ma rajtlu xejn. Qalet li r-ragel l-iehor waqa ma' l-art bid-daqqa li qala, pero hi

baqghet ghaddejja, anzi ghagglet il-pass biex ma tarax aktar.

Mistoqsija jekk tafx lill-vittma wiegbet li le, ma tafhiex, ghalkemm tafu di vista, stqarret li mhux mir-rahal tal-Ghasri. Qalet li hi ma tghix f'dik it-triq. Mistoqsija jekk semghetx xi diskors wiegbet li le. Qalet li hi effettivament man-nies ma titkellimx. Effettivament meta qala' d-daqqa l-vittma, kien wicc imb'wicc ma' Peter Paul Buttigieg.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2007 **xehed Doctor Mario Victor Masini** [fol 62] fejn qal li hu kien ezamina lil Peter Paul Buttigieg nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 2006 li kien qed jilmenta minn ugiegh f'idu l-leminija. Klinikalment ma kellu l-ebda sinjal kuteanju ta' xi ferita kif ukoll ma kien hemm l-ebda sinjal ta' xi ksur ta' ghadam. Ix-xhud ghal darb'ohra, kkonferma l-kontenut tac-certifikat rilaxxjat minnu mmarkat bhala Dok. 'Z' esebit a fol 32.

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2007 **rega' xehed Doctor Mario Victor Masini** [fol 85] fejn ikkonferma c-certifikat immarkat bhala Dok. 'S' a fol 23 bhal dak rilaxxjat minnu nhar l-erbgha ta' Jannar 2007. Ikkonferma l-firma tieghu fuq dan id-dokument. Qal li ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma dak li gie suggerit lilu mill-avukat difensur, li jekk bniedem jaqla daqqa fuq xofftu, naturalment il-ferita li jkollu fuq wara tikkorrispondi ghaliha.

Illi nhar d-dstax ta' April 2007 **xehed PC 1097 Mario Casha** [fol 65] fejn qal li fit-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 2006, hu kien flimkien PS 1377 Noel Cilia u gie avvicinat mill-pulizija tal-ghassa tar-Rabat sabiex jassistu fuq glieda fl-Ghasri w ghalhekk mar fuq il-post. Qal li hemm sab lil Samuel Zahra li kellu wiccu kollu demm, kellu feriti f'rasu u kien qed izomm rasu. Qal li s-surgent staqsieh x'kien gara u dan qal li huwa kien qieghed gol-*workshop* ta' xi hadd Attard, avvicinah l-imputat odjern sabiex inehhi l-vettura tieghu w appena hareg biex inehhi l-vettura, Samuel Zahra qal li l-imputat laqtu b'xi haga iebsa li kienet taht il-hwejjeg. Qal li hu ghalhekk ha l-*particulars* tal-imputat li akkwista minghand Samuel Zahra. Qal li aktar tard rrizulta li l-imputat kien jahdem faccata tal-ghassa, fil-

Maltacom w ghalhekk mar ghalih u l-investigazzjoni tkompliet mis-superjuri tieghu.

Illi nhar t-tnejn t'April 2008 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 95] fejn qal li fit-tnejn u għoxrin ta' Diċembru 2006 għal ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħodu hu kien wassal lil mara u lit-tifel il-knisja u rega' nizel lura d-dar w ipprova jidħol mill-bieb li għandhom fil-ġenb pero sab li kien hemm vann ta' Samuel Zahra ipparkjat jostakolalu d-dħul tiegħu. Qal li ghalhekk irriversja lura u mar sabiex ifittxu fejn kien jahdem u talbu sabiex ineħħi l-vann minn hemm. Zied jghid li, mbaghad rega' niżel, ipparkja quddiem ir-remissa tiegħu u wara ftit rah ġej u qallu li hu dejjem bil-paroli. Qal li Samuel Zahra qallu "min jaf x'se tagħmel bħalek!" Qal li hu mhux tal-glied. Qal li Samuel Zahra kellu idejh il-leminija bil-ponn u f'idejh l-oħra kellu xi ħaġa, u meta rah riesaq lejh qallu, "mela biex tneħħi l-vann ġej għal glied?!" Spjega li x'ħin ġie bi dritt tiegħu eżatt, dar għalih u hu beda jiddefendi ruħu mill-aggressjoni tiegħu u xejjirlu daqqa ta' ponn. Qal li bid-daqqa ta' ponn li tah beda gej lura, habat mal-ħajt tas-sejjieħ u waqa' ma l-art. I-xhud kompla jghid li lil Samuel Zahra ilu jafu kemm ilu jmur hemmhekk għand siehbu, fil-fatt kien imur hemm jaħdem. Qal li kemm-il darba qallu biex ma jipparkjax quddiem id-dar imma dan nonostante baqa' jipparkja. Zied jghid li kien għamel żmien ma jipparkjax imbagħad reġa' beda, però dejjem bil-kelma s-sewwa hu kien ikellem lil Samuel Zahra.

Mistoqsi jekk għandux problemi ta' saħħa ix-xhud wieġeb li għandu u fil-fatt kellu problemi bin-nerv t'idejh u f'saqajh. Qal li llum il-ġurnata idejh ma jerfahix. Ix-xhud esebixxa tlettax il- ritratt li ġew immmarkati minn Dok. CSH 1 sa CSH 13. Spjega li d-Dok. CSH 1 huwa ritratt tal-vann in kwistjoni li qiegħed ipparkjat quddiem iż-żewġ bibien tiegħu. Qal li meta meta kien joħroġ, ma kienx joħroġ min-naħa tad-*driver* iżda min-naħa l-oħra tal-vann. Zied jghid li dawn ir-ritratti ġew meħuda dakinhar stess. Esebixxa wkoll kopja ta' ritratt ieħor li ġie mmarkata Dok. CSH 2 li dan jindika l-istess, d-Dok. CSH 3 jindika l-vann ipparkjat quddiem il-propjetà tiegħu meta huwa kien jaħdem ta'

kaħħal u dan kien jagħmlu kemm warajh kif wkoll quddiem. Spjega li d-Dok. CSH 4 u d-Dok. CSH 5 huma l-istess filwaqt li d-Dok. CSH 6 huwa borġ ġebel biex hu ma jarax il-vann u d-Dok. CSH 7 jindika l-vann wara l-borġ ġebel. Zied jghid li d-Dok. CSH 8 jindika ilma fit-triq, d-Dok. CSH 9 jindika l-garaxx fejn jaħdem Joseph Attard, li jiġi quddiem ir-residenza tiegħu, d-Dok. CSH 10 jindika l-vann in kwistjoni jġorr l-għamara minn post għall-ieħor biex jisprejjaha.

Qal li lil Samuel Zahra ġieli kellmu biex ineħħilu l-vann u meta kien jitolbu biex ineħħi l-vann, kien joqgħod jikkummentalu. Qal li bil-vann quddiem il-bieb ma setghax jidħol fir-residenza tiegħu ghax il-vann kien ipparkjat eżatt quddiem iż-żewġ bibieb tiegħu.

Ikkunsidrat:

Issa, kif hu ben saput fis-sistema gudizzjarja nostrana, sabiex tigi radikata htija tal-imputat ghal feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawza xi offiza fuq il-persuna tal-ferut. Il-ligi trid principalment, tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghal komportamenti u disappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali u huwa hati ta' reati ta' offiza fuq il-persuna, kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor.

Fil-ligi taghna, ai fini ta' reati ta' offiza voluntarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, din il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta t'ghemilu.

Din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti, dik esposta mill-prosekuzzjoni fis-sens li l-vittma kien ghal affair tieghu ghand Joseph Attard u fid-daqqa w il-hin gie aggredit mill-imputat meta kien sejjer icaqlaq il-vettura tieghu minn quddiem il-bieb tad-dar tieghu. Minn naha l-ohra hem mil-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat li

jghid li hu mar jitlob lil allegata vittma sabiex iressaq il-vettura, u dan gie bil-paroli zejda u biex jiggieled w ghalhekk, biex jipprotegi ruhu tah daqqa ta' ponn u l-vittma waqa mal-art.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lil vittma jixhed fejn qal kif effettivament kienet l-ewwel darba li l-imputat kien qallu biex ma jipparkjax fejn kien ipparkja u li ghal ewwel hadu bil-kelma t-tajba, tant li mill-ewwel hareg biex icaqlaqha minn fejn kienet.  Izda meta kien sejjer lejn il-vettura, l-imputat tah daqqa fuq rasu.

Illi l-vittma cahad li kien aggressiv mieghu jew li kien ser jaggredih.  Joseph Attard jghid li appena Samuel Zahra hareg mill-garaxx tieghu, sema' hoss kbir u meta hareg ra lil Samuel Zahra mal-art u lil imputat jitlaq jigri.  Doris Tabone tghid li rat lil imputat jaghti daqqa ta' ponn lil Samuel Zahra.  Mistoqsija jekk ratx lil vittma ikun aggressiv, qalet li ma rat u semghet xejn, salv d-daqqa ta' ponn li ta l-imputat.

Illi l-ufficcjal tal-pulizija li xehed wkoll, ikkonferma t-tezi ta' Samuel Zahra kif kolloborata mix-xhieda fl-atti tal-kumpilazzjoni.

L-imputat, minn naha tieghu, jammetti li verament ta daqqa ta' ponn lil vittma pero jghid li ghamel hekk sabiex jipprotegi l-persuna tieghu mill-aggressjoni ta' Samuel Zahra.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien w ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Il-Qorti pero thoss li l-imputat qabad u hebb ghal Samuel Zahra minhabba r-rabbja li kellu ghaliex kien ipparkjalu quddiem il-bieb tar-remissa tieghu.  Il-Qorti thoss li d-

daqqa li ta l-imputat ma kienetx kwistjoni ta'legittima difesa izda aggressjoni minn naha tieghu.

Il-Qorti semghet lit-Tabib Mario Victor Masini jixhed li l-feriti subiti minn Samuel Zahra kienu ta' natura hafifa.

**Ghaldaqstant l-Qorti** wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 **tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lil imputat PETER PAUL BUTTIGIEG hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Samuel Zahra u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt (500) Euro filwaqt li tiddikjara li ma ssibhux hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tilliberah minnhom.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda espert jew perit ma gie nominat f'din l-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------